| | |
|---|---|
| **KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA** | **Brussell, 4 ta' Ġunju 2014 (OR. en)** |
| | **10540/14** |
| | **COPEN 168**<br>**EUROJUST 111**<br>**EJN 63** |

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Ġunju 2014 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2014) 312 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675/JHA tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 312 final.

---

Mehmuż: COM(2014) 312 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014
COM(2014) 312 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675/JHA tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda**

# WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675/JHA tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda


1 Introduzzjoni ..... 3

1.1 L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas ..... 3

1.2 Salvagwardji tad-drittijiet fundamentali ..... 4

1.3 Elementi ewlenin tad-Deċiżjoni ta' Qafas ..... 4

1.4 Is-sitwazzjoni attwali tat-traspożizzjoni u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' implimentazzjoni ..... 5

2 Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas ..... 6

2.1 Evalwazzjoni preliminari tal-liġijiet ta' traspożizzjoni riċevuti ..... 6

2.2 Evalwazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas ..... 7

2.2.1. Definizzjoni tal-kundanna ..... 7

2.2.2. Rekwiżiti għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni barranin ..... 7

2.2.3. Effetti ġuridiċi ekwivalenti ..... 8

2.2.3.1. L-istadju ta' qabel il-proċess ..... 9

2.2.3.2. L-istadju tal-proċess ..... 9

2.2.3.3. L-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kundanna ..... 10

2.2.4. Kisba ta' biżżejjed informazzjoni dwar kundanni preċedenti ..... 10

3 Konklużjoni ..... 11

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675/JHA tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1. L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas

F'żona ġenwina ta' ġustizzja bbażata fuq il-fiduċja reċiproka, l-Unjoni Ewropea ħadet azzjoni biex tiżgura li ċ-ċittadini jkunu protetti kontra l-kriminalità fl-Unjoni Ewropea kollha, filwaqt li tiżgura wkoll li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini jiġu rispettati meta jsibu ruħhom involuti fi proċedimenti kriminali, kemm bħala vittmi kif ukoll bħala konvenuti.

Fl-Unjoni Ewropea, fejn in-nies jistgħu jiċċaqilqu u jgħixu liberament, dan l-objettiv li wieħed iżomm u jiżviluppa żona ta' ġustizzja Ewropea ġenwina jirrikjedi li kundanni kontra persuni ssentenzjati fi Stat Membru wieħed għandhom jitqiesu fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu evitati reati futuri. Bl-istess mod, jekk jitwettqu reati ġodda mill-istess awtur, suġġett li tinżamm l-ekwità tal-proċedimenti, dan il-fattur komportamentali għandu jitqies fil-qafas ta' proċedimenti kriminali ġodda.

Huwa tassew fl-interess ta' ġustizzja kriminali effikaċi, inkluża l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli biex jikkunsidraw, fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, jekk persuna tkunx wettqet l-ewwel reat jew jekk tkunx diġà ġiet ikkundannata fi Stat Membru ieħor. Li wieħed ikun f'pożizzjoni li jivvaluta l-passat kriminali tal-ħati huwa essenzjali għat-tmexxija effettiva ta' proċedimenti kriminali ġodda, b'mod partikolari biex jiġu żgurati deċiżjonijiet infurmati dwar l-arrest preventiv jew il-libertà b'garanzija, u biex ikun hemm l-informazzjoni kollha disponibbli fl-istadju tal-kundanna.

Kien f'dan l-isfond li ġiet adottata d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/JHA tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda Din id-Deċiżjoni Qafas tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji fi Stat Membru wieħed biex jieħdu kont ta' sentenzi kriminali finali mogħtija minn qrati fi Stati Membri oħra. Hija tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom, fil-kors tal-proċedimenti kriminali kontra persuna, kundanni preċedenti mogħtija kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħra jiġu kkunsidrati minn dawn l-awtoritajiet. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali ġodda, l-Istati Membri jridu jiżguraw li kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor jiġu kkunsidrati kif dovut taħt l-istess regoli bħall-kundanni preċedenti nazzjonali.

Din id-Deċiżjoni Qafas tieħu post l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Mejju 1970 dwar il-Validità Internazzjonali tas-Sentenzi Kriminali[1] fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tas-sentenzi kriminali, bħal bejn Stati Membri li huma partijiet għal dik il-Konvenzjoni. L-informazzjoni dwar kundanni preċedenti tista' tinkiseb permezz ta' sistema tal-UE tal-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali (ECRIS).[2]

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi valutazzjoni preliminari tal-liġijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni li diġà waslu għand il-Kummissjoni.

Mill-1 ta' Diċembru 2014, id-data ta' skadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat ġudizzjarji tal-Qorti tal-Ġustizzja u s-setgħa tal-Kummissjoni li tniedi ksur se japplikaw b'mod sħiħ fir-rigward tal-acquis tal-UE ta' qabel Lisbona fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija.

## 1.2. Salvagwardji tad-drittijiet fundamentali

Kif stipulat fl-Artikolu 1 paragrafu 2 u l-Premessa 12, din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġuridiċi fundamentali rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta").

F'dan il-kuntest, fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom, ċerti Stati Membri jirreferu b'mod espliċitu għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġuridiċi fundamentali tal-liġi tal-Unjoni Ewropea meta jqisu kundanni preċedenti fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali ġdida. F'xi Stati Membri t-teħid f'kunsiderazzjoni tal-kundanna huwa eskluż f'każijiet fejn hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jassumi li tikser il-libertajiet u d-drittijiet ta' individwu kkundannat fi Stat Membru ieħor. Alternattivament, l-Istati Membri pprovdew rekwiżit espliċitu fil-liġi ta' implimentazzjoni li kundanna preċedenti għandha tikkonforma mad-dritt għal proċess ġust, fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("ECHR") (AT, DE, PL).

## 1.3. Elementi ewlenin tad-Deċiżjoni ta' Qafas

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tiżgura li effetti ġuridiċi simili jingħataw lil kundanni domestiċi u lil kundanni minn Stati Membri oħra. Skont l-Artikolu 2 tad-

---

1 http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?CL=ENG&CM=1&NT=070. Din il-konvenzjoni ġiet ratifikata minn 11-il Stat Membru tal-UE: AT, BE, BG, CY, DK, EE, LT, LV, NL, RO u ES.

2 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:093:0023:0032:EN:PDF. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI:: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:093:0033:0048:EN:PDF.

Deċiżjoni Qafas, kundanna hija definita bħala "kwalunkwe deċiżjoni finali ta' qorti kriminali li tistabbilixxi ħtija ta' reat kriminali."

L-Artikolu 3 huwa dispożizzjoni ewlenija tad-Deċiżjoni Qafas. Dan l-Artikolu huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-assimilazzjoni sempliċi tal-kundanni u jimponi bħala kwistjoni ta' prinċipju, li l-effetti ġuridiċi ta' sentenzi barranin iridu jkunu ekwivalenti għall-effett ġuridiku ta' kundanni domestiċi ("il-prinċipju tal-ekwivalenza"), skont il-liġi nazzjonali.

Dan ifisser li hemm l-obbligu li jittieħed kont tal-kundanni barranin, biex jiġi eżerċitat skont il-liġi nazzjonali (l-uniku obbligu għall-Istati Membri jkun li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kundanni barranin sal-punt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kundanni nazzjonali).

Kundanni preċedenti għandhom jiġu kkunsidrati waqt il-fażi ta' qabel il-proċess, waqt il-proċess kif ukoll meta tiġi esegwita l-kundanna (l-Artikolu 3(2)). Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għal kundanni preċedenti speċjalment fir-rigward tar-regoli ta' proċedura applikabbli dwar:

Detenzjoni provviżorja;

Definizzjoni tar-reat;

It-tip u l-livell tas-sentenza;

Eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Meta jitqiesu l-kundanni preċedenti mill-Istat Membru li jkun qed iwettaq proċedimenti ġodda, dan ma jkollux l-effett li jinterferixxifil-kundanni preċedenti, jirrevokahom jew jirrevedihom.. Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' sentenza fi proċedimenti kriminali ġodda, id-Deċiżjoni Qafas tipprevedi eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali.

F'każijiet fejn il-kundanna preċedenti ma tkunx ġiet mogħtija jew kompletament eżegwita minn Stat Membru ieħor qabel it-twettiq tar-reat li għalih isiru l-proċedimenti l-ġodda, din id-Deċiżjoni Qafas ma tirrikjedix li l-Istati Membri japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar l-impożizzjoni ta' sentenzi, jekk l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-kundanni barranin preċedenti tillimita lill-imħallef fl-impożizzjoni tas-sentenza.

Minbarra dan, il-premessi 8 u 9, li jridu jinqraw flimkien mal-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Qafas, jipprovdu xi gwida f'dan ir-rigward billi jenfasizzaw il-proporzjonalità tal-livell tas-sentenza u ċ-ċirkustanzi personali tal-ħati. Interessanti, li l-ebda miżura ta' implimentazzjoni ta' Stat Membru ma għamlet referenza għall-premessa tmienja, li tipprovdi li fejn, matul il-proċedimenti kriminali fi Stat Membru, tkun disponibbli informazzjoni fuq kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor, sa fejn ikun possibbli l-persuna kkonċernata ma għandhiex tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli milli kieku l-kundanni preċedenti kienu kundanna domestika.

L-Artikolu 3, paragrafi (1) u (2) jindirizzaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali u l-proċeduri previsti pereżempju fil-kodiċi kriminali ta' proċedura biex titqies, matul il-kors ta' proċedimenti kriminali ġodda, kundanna barranija mogħtija fi Stat Membru ieħor. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 paragrafi (4) u (5) għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipji u l-proċeduri nazzjonali tal-liġi kriminali li jirrigwardaw speċifikament l-impożizzjoni ta' sentenzi (pereżempju, sentenzi aggregati).

## 1.4. Is-sitwazzjoni attwali tat-traspożizzjoni u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' implimentazzjoni

Fi żmien li inkiteb dan ir-rapport, il-Kummissjoni kienet irċeviet notifiki dwar il-liġijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni mit-22 Stat Membru li ġejjin: **AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, FI, FR, HU, HR, IE, LU, LV, NL, PL, RO, SE, SI, SK** u **UK**.

Aktar minn tliet snin wara d-data ta' implimentazzjoni, sitt Stati Membri għadhom ma nnotifikawx il-miżuri li jittrasponu l-obbligi ta' din id-Deċiżjoni Qafas: **BE, ES, IT, LT, MT** u **PT**.

Erba' Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-proċess ta' preparazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni rilevanti fil-livell nazzjonali (**BE, ES, LT, MT**). Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-Istati Membri ma adotta l-leġiżlazzjoni jew innotifika lill-Kummissjoni qabel April 2014.

Tabella dwar l-istat attwali tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tista' tinstab fl-Anness.

Id-Deċiżjonijiet Qafas għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri bħal kull element ieħor tal-acquis tal-UE. Min-natura tagħhom, id-Deċiżjonijiet Qafas jorbtu lill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, imma jħallu l-għażla ta' forom u metodi tal-implimentazzjoni f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Id-Deċiżjonijiet Qafas mhumiex direttament applikabbli. Madankollu l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi hu obbligatorju f'dak li għandu x'jaqsam mad-Deċiżjonijiet Qafas adottati fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea l-antik.

Filwaqt li n-nuqqas ta' implimentazzjoni fi Stat Membru wieħed ma għandux ikollu konsegwenzi diretti għall-Istati Membri l-oħra, fl-interess tal-ġustizzja jibqa' importanti li qorti fi Stat Membru wieħed tkun kapaċi tqis sentenzi kriminali finali mogħtija mill-qrati fi Stati Membri oħra. Dan l-approċċ huwa sostnut minn ECRIS, sistema deċentralizzata tat-teknoloġija tal-informazzjoni, li tipprovdi għal ċirkolazzjoni effiċjenti ta' informazzjoni dwar il-kundanni mogħtija kontra ċittadini ta' Stati Membri minn Stati Membri oħra. L-applikazzjoni korretta tal-prinċipju tal-ekwivalenza u l-bżonn li jiġi żgurat li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-effetti ġuridiċi tal-kundanni barranin ikunu sistematikament ekwivalenti għall-effetti ġuridiċi ta' sentenzi domestiċi, huma importanti fiż-żona Ewropea tal-ġustizzja.

## 2. EVALWAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DEĊIŻJONI QAFAS

### 2.1. Evalwazzjoni preliminari tal-liġijiet ta' traspożizzjoni riċevuti

Dan ir-rapport jevalwa sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Deċiżjoni Qafas. Meta jiġi vvalutat il-livell ta' traspożizzjoni ta' dan l-istrument fil-liġi kriminali nazzjonali, il-Kummissjoni tiffoka b'mod partikolari fuq l-obbligi taħt l-Artikolu 3, jiġifieri li l-prinċipju ta' ekwivalenza ġie debitament introdott u li l-effetti ġuridiċi ta' kundanni preċedenti huma marbuta ma' kundanni preċedenti barranin fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali nazzjonali, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri għażlu approċċ fil-biċċa l-kbira simili għat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-liġi kriminali tagħhom. Ħafna mill-Istati Membri kellhom jemendaw il-liġi tagħhom li tirregola din il-kwistjoni, filwaqt li xi Stati Membri adottaw atti separati ta' implimentazzjoni bħala strumenti ta' traspożizzjoni.

L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas hija mxekkla mill-fatt li sitt Stati Membri għadhom ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom skont din id-Deċiżjoni Qafas.

### 2.2. Evalwazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas

#### 2.2.1. Definizzjoni tal-kundanna

Mhux l-Istati Membri kollha formalment trasponew id-definizzjoni ta' "kundanna" bħala "kwalunkwe deċiżjoni finali ta' qorti kriminali li tistabbilixxi ħtija ta' reat kriminali." Bosta Stati Membri ma pprovdewx definizzjoni espliċita ta' xi jqisu bħala "kundanna" għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas (AT, BG, DK, EL, FR, IE, LU, LV, RO, SE, SI, SK u UK). Madanakollu, dawn l-Istati Membri japplikaw il-prinċipji ġenerali u d-definizzjonijiet tal-liġi kriminali tagħhom. Pereżempju, LV u RO rreferew biss għar-"reċidiviżmu" minflok ma ddefinixxew espliċitament il-kundanni preċedenti.

Użu mhux preċiż tad-definizzjoni ta' "kundanna preċedenti" jista' jwassal għal differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas – jiġifieri deċiżjonijiet finali – u konsegwentement joħloq nuqqas ta' ċertezza ġuridika għall-individwi. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' din id-deċiżjoni qafas li jitqiesu biss deċiżjonijiet "finali", għandu wkoll jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' garanziji għad-drittijiet proċedurali għal persuni suspettati u persuni akkużati fi proċedimenti kriminali madwar l-Unjoni. Billi tillimita l-kamp ta' applikazzjoni għal deċiżjonijiet finali biss, id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta u tappoġġa b'mod sħiħ il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li huwa fil-qofol tal-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali fundamentali fi proċedimenti kriminali.

Il-liġi tal-FI u r-UK tinkludi b'mod espliċitu sentenzi ta' ħabs inkondizzjonati, ordnijiet ta' servizz komunitarju, multi jew sanzjonijiet ekwivalenti bħala tipi ta' deċiżjonijiet li jitqiesu bħala "kundizzjonijiet li fihom jitqiesu kundanni preċedenti."

DK, FI, HR, LU, LV, SE u SI ma stabbilixxew l-ebda rekwiżiti addizzjonali biex jitqiesu kundanni preċedenti. F'dawk l-Istati Membri, il-qrati jistgħu sempliċiment jagħtu l-istess piż lil kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor bħal ma jagħmlu għal kundanni mogħtija fl-Istat tagħhom stess (il-prinċipju tad-diskrezzjoni ġudizzjarja). Dan l-approċċ jista' jitqies bħala li "jiffavorixxi l-għarfien reċiproku", peress li jirrifletti fiduċja solida fil-kundanni finali u s-sistemi ta' rekords kriminali fi Stati Membri oħra.

### 2.2.2. Rekwiżiti għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni barranin

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jridu japplikaw rekwiżit ta' kriminalità doppja (kif meħtieġ mil-liġijiet u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom) meta jikkunsidraw kundanni preċedenti f'każijiet individwali (AT, BG, CZ, CY, EL, FR, HU, NL, PL, RO, SK u UK). Dan ifisser li l-qrati jistgħu jqisu biss kundanna preċedenti jekk din il-kundanna kienet ibbażata fuq reat li huwa wkoll rikonoxxut u punibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

L-użu ta' verifika ta' kriminalità doppja huwa ġġustifikat taħt id-Deċiżjoni Qafas billi huwa sempliċiment jirrikjedi li l-Istati "jqisu" kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal kundanni nazzjonali preċedenti u li "effetti ġuridiċi ekwivalenti jkunu marbuta magħhom". Għalhekk, jekk ċerti atti li fuqhom tkun ibbażata kundanna preċedenti, ma jkunux suġġetti għal kastig f'ċertu Stat Membru, ikun impossibbli li l-qrati "jassoċjaw effetti ġuridiċi ekwivalenti" peress li ma kien ikun hemm assolutament l-ebda effetti ġuridiċi kieku kienet tikkonċerna każ purament domestiku.[3]

Il-kliem tal-liġi tal-HU huwa ftit differenti f'dan ir-rigward: sentenzi imposti jew miżuri li ġejjin minn deċiżjoni ta' qorti barranija "ma jistgħux imorru kontra l-liġi tal-HU". Il-liġi tal-NL tuża t-terminu "reati simili". Il-liġi tal-NL tistipula li reat simili jista' tkun reat taħt liġi barranija "li seta' ġie fformulat b'mod differenti, iżda li huwa mmirat sabiex jipproteġi l-istess interessi ġuridiċi u għalhekk jappartjeni għall-istess kategorija ta' reati bħar-reat tal-NL li għalih tirreferi d-dispożizzjoni tar-reati ripetuti". B'kuntrast ma' dan l-approċċ, xi Stati Membri għażlu approċċ ibbażat fuq il-kwalifika ġuridika, kif inhuwa l-każ għal FR. Meta jiġi vvalutat l-aspett ta' kriminalità doppja ta' kundanni preċedenti, il-kwalifikazzjoni tal-fatt hija ddeterminata f'relazzjoni ma' reati definiti taħt il-liġi ta' FR u s-sentenzi jitkejlu skont sentenzi ekwivalenti FR li huma preskritti mil-liġi FR. Il-liġi SK tirrikjedi kriminalità doppja jew li d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' Stati Membri oħra f'materji kriminali jistgħu jiġu infurzati jew ikollhom effetti ġuridiċi ekwivalenti fl-SK biss meta dan ikun previst minn trattat internazzjonali jew att.

Xi Stati Membri stabbilixxew iktar kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati flimkien mar-rekwiżit ta kriminalità doppja. Eżempju wieħed huwa l-obbligu li, minbarra kriminalità doppja, irid ikun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar il-kundanna preċedenti (CY, PL).[4] Il-liġi nazzjonali PL tistipula li kundanna preċedenti

---

3 Ara wkoll il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas.

4 Il-liġi CY tispeċifika x'jitqies bħala "informazzjoni suffiċjenti", pereżempju l-isem sħiħ, id-data u l-post tat-twelid tal-individwu li fir-rigward tagħu, tkun ġiet mogħtija l-kundanna; Id-data tal-kundanna, l-

ma tistax titqies jekk il-kwistjoni hija soġġetta għal miżura ta' remissjoni li jkollha l-forza ta' amnestija jew maħfra (PL).

Is-SK żżid li t-teħid f'kunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti huwa possibbli wkoll meta l-Istat ikollu tali obbligu skont trattat internazzjonali li huwa parti fih. Fl-IE l-konvenut għandu jkollu l-opportunità li jammetti jew jiċħad kull kundanna preċedenti meta jkun iffaċċat b'kundanni domestiċi jew li mhumiex. Fejn kundanni preċedenti jintużaw għal "kwalunkwe għan" fi proċess, dawn għandhom jew jiġu attestati b'evidenza ġuridika, jew jiġu espressament ammessi mill-persuna akkużata.

L-HU tissottometti l-kundanni barranin għal proċedura ta' rikonoxximent estensiva qabel ma jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati. L-inkorporazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali biex jitqiesu l-kundanni barranin għandhom ikunu proporzjonali mal-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

### 2.2.3. Effetti ġuridiċi ekwivalenti

Il-kuntest ġuridiku ta' dan l-aspett ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa indirizzat fit-taqsima 1.3 Elementi ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas. Il-konformità mar-regola li l-effetti ġuridiċi marbuta ma' kundanni preċedenti barranin huma ekwivalenti għall-effetti ġuridiċi marbuta ma' kundanni preċedenti nazzjonali, skont il-liġi nazzjonali, hija, l-iktar l-iktar, inkonklussiva. Disa' Stati Membri ma jipprovdu l-ebda informazzjoni konklussiva dwar il-konformità ma' din ir-regola. Min-notifiki rċevuti jidher li disa' Stati Membri ffukaw fuq l-applikazzjoni ta' prinċipju ta' ekwivalenza biss (Art. 3, paragrafu 1), iżda ma pprovdewx aktar dettalji fir-rigward tat-tipi ta' effetti ġuridiċi li huma jassoċjaw mal-kundanni barranin preċedenti u f'liema stadju tal-proċedimenti (qabel il-proċess, fl-istadju tal-proċess, fl-eżekuzzjoni) dawn l-effetti japplikaw fis-sistema tal-ġustizzja kriminali nazzjonali tagħhom (Art. 3 paragrafu 2): BG, CZ, EE, HU, FR, LU, PL, RO u SK.

Informazzjoni dwar is-sistemi ġuridiċi nazzjonali u l-konsegwenzi li huma marbuta ma' kundanni preċedenti għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha u b'mod partikolari għall-konvenuti sabiex jissaħħaħ il-prinċipju taċ-ċertezza ġuridika u tal-fiduċja reċiproka.

Wara din il-valutazzjoni preliminari, in-notifika tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas mit-13-il Stat Membru li ġejjin indirizzat l-elementi kollha importanti ta' din id-Deċiżjoni Qafas (pereżempju, il-prinċipju tal-ekwivalenza u l-effetti ġuridiċi): AT, CY, DE, DK, FI, EL, HR, IE, LV, NL, SE, SI u UK.

#### *2.2.3.1. L-istadju ta' qabel il-proċess*

F'xi Stati Membri, kundanni preċedenti jistgħu diġà jitqiesu matul l-istadju ta' qabel il-proċess fi proċedimenti kriminali. Fl-HR, dejta fir-rekords kriminali u dejta oħra

---

isem tal-qorti u d-data li fiha d-deċiżjoni saret finali; informazzjoni dwar ir-reat li wassal għall-kundanna u, speċifikament, id-data li fiha twettaq ir-reat, l-isem jew id-definizzjoni ġuridika tar-reat, u r-referenzi għad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikati; informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna u, prinċipalment, dwar ir-reat, kull sanzjoni addizzjonali, miżuri ta' sigurtà u deċiżjonijiet sussegwenti li jemendaw l-eżekuzzjoni tal-kundanna.

dwar kundanni għal reati kriminali tista' titqies bħala l-iżjed evidenza riċenti qabel l-investigazzjoni ta' konvenut wara t-tlestija tal-proċedura tal-ġbir tal-evidenza. Il-liġi tal-SE tistipula li l-kriminalità preċedenti hija sinifikanti f'deċiżjonijiet dwar investigazzjoni ta' qabel is-sentenza.

Il-EL speċifikat li deċiżjoni tal-qorti titqies fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, irrispettivament minn jekk hijiex deċiżjoni tal-qorti tal-EL jew deċiżjoni ta' qorti barranija, pereżempju wkoll għad-determinazzjoni ta' reċidiviżmu.

F'xi Stati Membri, kundanna preċedenti tista' tinfluwenza d-deċiżjoni dwar detenzjoni ta' qabel il-proċess: tista' titqies bħala fattur fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti sabiex tirrifjuta l-libertà b'garanzija meta l-applikant ikun akkużat b'reat serju (IE), jew detenzjoni ta' qabel il-proċess tista' tiġi ordnata jekk il-persuna ssuspettata tkun ġiet ikkundannata fi snin riċenti (AT, EL, NL, SE). Possibilità oħra hija li jittieħdu f'kunsiderazzjoni kundanni preċedenti fi proċedimenti kriminali bħala parti mill-prinċipju tal-opportunità.[5] (SE, SI)

Il-Kummissjoni tikkunsidra li meta l-Istati Membri jieħdu kundanni preċedenti f'kunsiderazzjoni bħala fattur fid-deċiżjoni dwar id-detenzjoni ta' qabel il-proċess, ir-rabta bejn il-kriterji fid-Deċiżjoni Qafas u l-kriterji fil-liġi nazzjonali li huma applikati f'din id-deċiżjoni dwar id-detenzjoni qabel il-proċess għandhom jiġu evalwati b'mod strett fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa[6] u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-raġunijiet wara deċiżjoni dwar id-detenzjoni qabel il-proċess għandhom jiġu stipulati ċarament wara li jiġi kkunsidrat il-każ inkwistjoni u ma jistgħux ikunu bbażati biss fuq il-fatt li persuna kienet preċedentement misjuba ħatja.

### 2.2.3.2. *L-istadju tal-proċess*

F'bosta Stati Membri, kundanni preċedenti huma kkunsidrati fid-deċiżjoni dwar it-tip, il-livell u l-firxa ta' sentenza/sanzjoni (AT, CY, DE, DK, HR, HU, IE, LV, NL, SE, SI u UK), pereżempju bħala fattur deċiżiv fid-deċiżjoni dwar il-grad ta' ħtija (HR), l-iskop tal-kastig (HR) jew jekk ikunx hemm ċirkostanzi aggravanti (DK, LV, UK).

Fl-SE, proċedimenti ġuridiċi preċedenti jeskludu l-impożizzjoni ta' sentenza kondizzjonali. Il-liġi tad-DK u tal-SE tqis ukoll li, sabiex kundanna preċedenti tiġi kkunsidrata bħala ċirkustanza aggravanti, ir-reat li fir-rigward tiegħu tkun ingħatat il-kundanna jrid ikun relevanti għar-reat li jkun qiegħed jiġi kkunsidrat. Il-liġi nazzjonali tas-SI tgħid li għall-valutazzjoni tas-severità tas-sentenza, il-qorti b'mod partikolari tikkunsidra jekk ir-reat preċedenti huwiex tal-istess tip bħal dak ġdid, jekk iż-żewġ reati twettqux bl-istess skop, u kemm ikun għadda żmien minn meta l-aħħar l-kundanna ġiet eżegwita, rimessa jew preskritta.

---

5 Dan il-prinċipju jinvolvi s-setgħa diskrezzjonali ta' prosekutur pubbliku sabiex iwettaq investigazzjonijiet f'każ jew iwaqqaf il-proċeduri.

6 Ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (65) 11 (Adottata mid-Deputati tal-Ministri fid-9 ta' April 1965): https://wcd.coe.int/com.instranet.InstraServlet?command=com.instranet.CmdBlobGet&InstranetImage=582145&SecMode=1&DocId=626216&Usage=2.

Xi kultant, l-Istati Membri jqisu kemm żmien ikun għadda minn meta l-kundanna preċedenti tkun ingħatat, ġiet eżegwita, rimessa jew preskritta (DK, NL, SE, SI). Huwa possibbli wkoll li kundanni preċedenti jitqiesu meta l-qrati joħorġu ordni li jkollha l-għan li tiżgura l-preżenza tal-akkużat jew telimina r-riskju ta' reat ieħor, partikolarment f'deċiżjonijiet li jordnaw detenzjoni jew miżuri alternattivi biex tiġi żgurata l-preżenza tal-akkużat (SI).

Possibilità oħra hija li kundanna preċedenti taffettwa l-klassifikazzjoni ġuridika tar-reat skont il-Kodiċi Kriminali (HU, NL, UK), pereżempju meta tiġi vvalutata s-serjetà tar-reat (UK).

#### 2.2.3.3. *L-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kundanna*

F'xi Stati Membri, kundanni preċedenti jitqiesu matul l-eżekuzzjoni ta' sentenza (DE, HR, NL u SE). Huwa pereżempju possibbli li kundanni preċedenti jiġu kkunsidrati matul id-deċiżjoni dwar il-probation (DE, SE), jew rilaxx kmieni kondizzjonali (DE), jew meta s-sospensjoni ta' sentenza jew ta' miżura ta' kustodja tiġi revokata (AT, DE). F'xi pajjiżi, il-qrati jridu wkoll jikkunsidraw kundanni preċedenti meta jiddeċiedu jekk persuna misjuba ħatja għandhiex titqiegħed f'unità ta' sigurtà għolja (SE) jew f'faċilità għal persuni reċidivi magħrufa (NL). Huwa sikwit iddikjarat li l-qrati għandhom jirrevokaw is-sospensjoni ta' sentenza jew miżura ta' kustodja jekk persuna tikkommetti reat matul il-perjodu operazzjonali (DE, SE). L-SE tqis ukoll kundanni preċedenti fid-deċiżjoni biex tibdel sentenza ta' ħabs għall-għomor fi priġunerija b'terminu fiss.

### 2.2.4. Kisba ta' dejta suffiċjenti dwar kundanni preċedenti

Xi Stati Membri infurmaw ukoll lill-Kummissjoni dwar atti domestiċi jew regoli interni dwar l-organizzazzjoni tar-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tagħhom (EE, HU u LV).

Żewġ Stati Membri biss (EE, IE) għamlu referenza għall-iskambju ta' tagħrif estratt mir-rekord kriminali (ECRIS). Dan jista' jkun minħabba l-fatt li s-sistema ECRIS kienet għadha mhix fis-seħħ meta ġiet adottata din id-Deċiżjoni Qafas. L-Istati Membri bdew jużaw l-ECRIS f'April 2012 u sal-lum 25 Awtorità Ċentrali tal-Istati Membri qed jużaw l-ECRIS għal skambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali. L-ECRIS tappoġġa l-implimentazzjoni tajba ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Sal-lum mhux l-awtoritajiet ċentrali kollha huma interkonnessi ma' xulxin.

## 3. KONKLUŻJONI

- Din id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi l-prinċipju ewlieni tal-ekwivalenza ta' kundanni domestiċi u barranin matul proċedimenti kriminali ġodda. Dan jafferma l-prinċipju li l-Istati Membri għandhom jagħtu għal kundanna

mogħtija fi Stati Membri oħra effetti ekwivalenti għal dawk marbuta ma' kundanna mogħtija mill-qrati tagħhom stess skont il-liġi nazzjonali, kemm jekk dawk l-effetti jiġu meqjusa mil-liġi nazzjonali bħala kwistjonijiet ta' fatti kif ukoll ta' liġi proċedurali jew sostantiva. Il-Premessa 5 tad-Deċiżjoni Qafas tistipula li "din id-Deċiżjoni Kwadru ma tfittix li tarmonizza l-konsegwenzi attribwiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali differenti għall-eżistenza ta' kundanni preċedenti u l-obbligu li jittieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti li ngħataw fi Stati Membri oħrajn jeżisti biss sal-punt li l-kundanni nazzjonali preċedenti jittieħdu in konsiderazzjoni taħt id-dritt nazzjonali."

Id-Deċiżjoni Qafas għandha valur miżjud konsiderevoli fil-promozzjoni tal-fiduċja reċiproka fil-qasam tal-liġijiet penali u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji fiż-żona Ewropea tal-Ġustizzja billi tinkoraġġixxi kultura ġudizzjarja fejn kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor fil-prinċipju jiġu kkunsidrati.

- Filwaqt li huma rikonoxxuti l-isforzi magħmula mit-22 Stat Membru li ttrasponew din id-Deċiżjoni Qafas sa issa, il-livell ta' konformità mal-ittra u l-ispirtu tad-Deċiżjoni Qafas ivarja b'mod sinifikanti. Jidher li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni riċevuti mit-13-il Stat Membru huma ġeneralment sodisfaċenti: AT, CY, DE, DK, EL, FI, HR, IE, LV, NL, SE, SI u UK.

- Id-disa' Stati Membri li nnotifikaw lill-Kummissjoni ma pprovdew l-ebda informazzjoni konklussiva fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-effetti ġuridiċi marbuta mal-kundanni barranin preċedenti fis-sistema tal-ġustizzja kriminali nazzjonali tagħhom. Il-livell ta' konformità dwar din il-kwistjoni ta' dawn l-Istati Membri ma jistax jiġi vvalutat.

- In-nuqqas ta' traspożizzjoni jew it-traspożizzjoni parzjali u inkompleta ta' din id-Deċiżjoni Qafas ifixkel it-tħaddim effettiv ta' żona Ewropea tal-ġustizzja. Barra minn hekk, jista' jimmina l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini tal-UE billi dawn ma jistgħux jibbenefikaw minn dan l-istrument li għandu l-għan li jnaqqas reati ġodda min-naħa ta' dawk li jikkommettu r-reati.

- L-implimentazzjoni tard hija negattiva minħabba li din id-Deċiżjoni Qafas għandha l-potenzjal li żżid l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja kriminali billi tintroduċi għodod ġuridiċi biex jiġi vvalutat il-passat kriminali tal-ħati u konsegwentement jiġu mħarsa l-vittmi.

- Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti kollha tad-Deċiżjoni Qafas. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se teżamina jekk l-Istati Membri japplikawx kif xieraq il-prinċipju tal-ekwivalenza u li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-effetti ġuridiċi tal-kundanni barranin huma ekwivalenti għall-effetti ġuridiċi ta' kundanni domestiċi, fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-Istat Membru.

- Huwa tal-akbar importanza għall-Istati Membri kollha li jqisu dan ir-Rapport u li jipprovdu t-tagħrif ieħor rilevanti kollu lill-Kummissjoni, sabiex jissodisfaw

l-obbligazzjonijiet tagħhom skont dan it-Trattat. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi wkoll lil dawk l-Istati Membri li indikaw li qegħdin jippreparaw il-leġiżlazzjoni relevanti biex jippromulgaw u jinnotifikaw dawn il-miżuri nazzjonali kemm jista' jkun malajr. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux hekk biex jieħdu azzjoni malajr biex jimplimentaw bl-aktar mod sħiħ possibbli din id-Deċiżjoni Qafas. Barra minn hekk, hija tistieden lil dawk li ttrasponewha b'mod inkorrett biex jeżaminaw u jallinjaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.